# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 15 ta' Frar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi)**
**vs**
**Dorianne Camilleri**

**Kumpilazzjoni Nru: 1085/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Dorianne Camilleri detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 537783M.

Akkuzata talli nhar il-31 ta' Mejju, 2011 ghal habta tas-2.35 ta' wara nofs inhar fi Triq l-Mdina Attard, waqt li kienet qed issuq vettura bil-mutur, tal-ghamla Peugeot 407, bin-numru ta' registrazzjoni DOR 830;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunat il-mewt ta' Alfred Zahra mill-Msida, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 795847(M); Artikolu 225(1) Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nvolontarjament ikkagunat wkoll offiza gravi per durata fuq il-persuna ta' Carmela

Zahra mill-Msida detentrici tal-Karta ta' l-Identita' numru 402736(M) skond kif iccertifika Dr. Alan Drago MD (Registration Number 2647) mill-Isptar Mater Dei u minn diversi tobba ohra; Artikolu 225(2) Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nvolontarjament ikkagunat offizi gravi per durata li ggib il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' Carmela Zahra mill-Msida detentrici tal-Karta ta' l-Identita' numru 402736(M) skond kif iccertifika Dr. Alan Drago MD (Registration Number 2647) mill-Isptar Mater Dei u minn diversi tobba ohra; Artikolu 226(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nvolontarjament ikkagunat offizi gravi per durata fuq l-imsemmija Carmela Zahra li kienet ghalqet l-eta' ta' sittin sena; Artikolu 222A(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura bil-mutur tal-ghamla Peugeot 407 bin-numru ta' registrazzjoni DOR 830 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz; Artikolu 15(1)(a) Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmija Dorianne Camilleri milli jkollha jew tottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu l-Qorti jidrilha xieraq,

Il-Qorti gie mitluba ukoll biex barri milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputata biex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'l-esperti.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

1. 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligjiet ta' Malta; u
3. 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirreferi ghal incident li sehh fil-31 ta' Mejju 2011 ghall-habta tas-2.30pm fi Triq l-Mdina Attard u li fih l-imputata kienet qed isuq vettura ta' tip Peugeot 407 bin-numru ta' registrazjoni DOR 830 u li bhala konsegwenza tieghu certu Alfred Zahra tilef hajtu u ohtu Carmela Zahra garrbet diversi griehi.

Illi dwar dan l-incident inzammet inkjesta, fil-kors ta' liema inhatru diversi esperti.

Illi sfortunatament hlif ghall-partijiet koncernati ma nstab l-ebda xhud li seta' jitfa dawl dwar kif sehh l-incident. Aghar minn hekk il-vittma Carmela Zahra m'ghandha l-ebda memorja dwar l-incident. Dan ifisser li l-unika persuna li setghet taghti informazzjoni dwar kif sehh l-incident hija l-imputata; hija fil-fatt tat id-depozizzjoni taghha quddiem l-esperti nominati f'l-inkjesta u anke quddiem din il-Qorti. Ghandu jinghad pero li minkejja n-nuqqas ta' xhieda okkulari, il-provi migbura mill-esperti nominati u l-kostatazzjonijiet li ghamlu dawn l-esperti, kif ukoll il-provi migbura mill-pulizija li nvestigaw dan il-kaz jistghu jghinu biex il-Qorti tkun tista' tasal ghal certi konkluzjonijiet.

Illi jirrizulta mid-depozizzjoni ta' certu Anthony Cassar[1], li jahdem bhala *printer* u li ghandu n-negozju fi Triq il-Hafur Attard, li fil-hin ta' l-incident l-vittmi, l-ahwa Zahra, kienu sejrin ghandu. Fil-fatt ftit tal-hin qabel l-incident Alfred Zahra cempel lil Cassar biex jitolbu d-direzzjonijiet kif jasal ghandu mill-vicinanzi ta'l-iskola ta' Attard fejn kienu qeghdin fil-hin tat-telefonata. Cassar spjegalu kif jasal ghandu pero sfortunatament qatt ma waslu ghandu ghaliex ftit tal-hin wara sehh l-incident. La darba l-ahwa Zahra kienu sejrin mid-direzzjoni ta'l-iskola (li qieghda fi Triq Hal Warda) ghal Triq il-Hafur wiehed jista jissoponi li huma kienu qed jaqsmu Triq l-Mdina min-naha tac-centru ta' Attard, cioe mill-karreggjata li taghti fid-direzzjoni tal-Belt, ghan-naha tal-periferija ta' Attard, cioe il-karregjata li

[1] Ref depozizzjoni a fol 139 et seq.

taghti fid-direzzjoni tar-Rabat. Din l-ipotezi ssib korroborazzjoni fil-kostatazzjonijiet li saru mill-esperti dwar fejn kellha hsara l-vettura misjuqa mill-imputata. L-imputata kienet qed isuq fi Triq l-Mdina fid-direzzjoni tar-Rabat u l-hsara fil-vettura taghha giet riskontrata primarjament fuq quddiem man-naha tal-lemin. Ghalhekk wiehed jista serenement jikkonkludi li l-ahwa Zahra kienu qed jasmu kif fuq spjegat.

Illi mill-hsara fil-vettura jirrizulta ukoll li minn itajjar (ma jistax jinghad jekk hux Alfred jew Carmela jew it-tnejn) tkaxkar minn quddiem tal-vettura, fuq is-saqaf, sa fuq il-bagoll ta' wara. L-impatt kien ta' tant qawwa li bid-daqqa l-windscreen infaqa[2].

Illi mill-kostatazzjonijiet li saru fuq il-post jidher li l-ewwel tifrik ta' hgieg irqieq instab f'dik il-karreggjata (cioe dik li taghti ghar-Rabat) mal-liwja li hemm hdejn l-istabbiliment Attard Farm Supplies; ftit aktar 'l fuq, cioe malli tibda ic-centre strip, instabu xi buttuni u rqajja ta' demm.

Illi aktar minn hekk jirrizulta li l-art kienet xotta  u skond l-espert Emanuel Camilleri ix-xemx kienet qawwija u mill-faccata[3]. Ghandu jigi rilevat li fit-triq ftit metri 'l fuq minn fejn sehh l-incident hemm pelican crossing.

Illi fost il-provi prodotti hemm ukoll filmat mehud minn CCTV li hemm mal-faccata ta'l-istabbiliment Gold Market. PC45 Brian Cassar, li ha hsieb jiehu kopja tal-filmat minn din ic-CCTV, xehed quddiem din il-Qorti u spjega li l-camera hija programmata biex tirrekordja b'sistema ta' sensor u cioe meta jkun hemm moviment. Ghalhekk fil-filmat mehud hemm ftit tal-hin meta jidher wieqaf. Il-filmat esebiet[4] jibda minn ftit qabel l-14.43.08 u jispicca 14.44.57; huwa wieqaf bejn 14.43.08 u 14.43.13, u bejn 14.43.23 u 14.43.56. L-incident sehh f'dawk it-tlieta u tlettin sekonda bejn 14.43.23 u 14.43.56 ghaliex malli jerga jibda l-filmat jidhru l-vittmi ma'l-art u nies migbura hdejhom. Fil-hin li rega beda jirrekordja l-filmat il-vettura ta'l-imputat ma tidhirx ghaliex diga kienet wieqfa ma'l-estremita tax-xellug tat-triq ftit aktar 'l fuq[5]. Dan il-filmat jaghti aktar informazzjoni: ghalkemm kien hemm karozzi jidhru ghaddejjin f'dik il-karreggjata t-traffiku kien mexxej hafna. Aktar minn hekk ma jidhirx li kien hemm hafna traffiku u

---

[2] Ref rapport ta' Joseph Zammit esebit a fol 29 et seq.
[3] Ghandu jigi rilevat li l-access bilfors sar ftit hin wara l-incident u ghalhekk jista jkun li t-trajjetorja tax-xemx kienet differenti fil-hin ta'l-incident.
[4] Li ghandu differenza ta' tnax il-minuta ma 'l hekk imsejjah real time.
[5] Fil-filmat l-vettura ta'l-imputata kienet qeghda wara l-van li jidher ipparkjat. Dan jista jigi konfermat mir-ritratti tax-xena mehuda minn PC6 Duncan Demicoli (rapport esebiet a fol 207).

immedjatament wara l-incident ma jidhrux karozzi wieqfin hdejn l-Attard Farm Supplies.

Illi kif diga ntqal l-imputata xehedet kemm fil-kors ta' l-inkjesta kif ukoll quddiem din il-Qorti. Meta kienet qed tixhed quddiem l-esperti hija tghid li kienet ghada kif spiccat xoghol (hija tahdem bhala ghalliema f'l-iskola ta' Santa Venera) u kienet qed isuq lura lejn id-dar; hija kienet toqghod ir-Rabat. Tghid li hija tghaddi mill-istess triq biex tmur id-dar. L-imputata tispjega li hekk kif kienet qabzet l-inkrocju li minnu tista' tmur ghal Haz-Zebbug hija kompliet tiela' dejjem fuq l-istess karreggjata, cioe dik ta' barra, bi speed normali u ftakret li kien hemm karozzi quddiemha. Tkompli tirrakkonta li hekk kif waslet mal-bidu tac-center strip f'daqqa rat il-windscreen tinfaqa' u x'aktarx rat persuna mal-windscreen; hadet xokk, ghafset il-breaks u waqfet ftit 'l boghod hdejn l-Art At Home. Ziedet li hija kienet tiela t-telgha bil-hamsin kilometru fis-siegha.

Illi meta xehedet quddiem din il-Qorti kkonfermat li kienet sejra lura d-dar mix-xoghol u li dik it-triq ilha snin tghaddi minnha. Mistoqsija kif kien it-traffiku qalet li t-triq kienet "*traffikuza, mhux wieqaf imma li tieqaf il-hin kollu. Tieqaf u timxi.*[6]"; aktar 'l quddiem fid-depozizzjoni taghha qalet li *t-traffic kien kbir pero mhux at a standstill, mhux wieqaf le, tieqaf timxi, tieqaf timxi mhux flowing*[7]. Ftit aktar 'l quddiem meta kienet qed tispjega il-mumenti li precedew l-impatt tghid hekk: *kont wieqfa, kien hemm l-karozzi quddiemi, kien hemm karozzi li qeghdin jippreparaw biex iduru lejn il-lemin ... kont qeghda hemmhekk quddiemi kien hemm xi karozzi u naf li kien hemm van abjad .. bil-kaxxa fuq wara*[8] *... u dan kien qieghed milwi u qed idur ma'l-AFS b'tali mod u manjiera li jiena ma stajtx nimxi ghax kien qed jaghlaq t-triq. Jien kont qed nistenna u mbaghad x'hin il-van dar illibera t-triq biex jiena niehu t-triq tieghi...x'hin il-van mexa jiena mxejt and all of a sudden ... qishom bhal waqghu mis-sema; sibthom mal-windscreen*[9]. Mistoqsija kif kienet qed isuq qabel ma sehh l-accident hija qalet li kienet qed isuq *b'mod normalissimu ...kont qed insuq tajjeb hafna min-naha tieghi, bhala speed minimu, nemmen li kien speed ta' fifty ... sewqan normali ... kont fuq il-lane tieghi, kont qed nistenna l-karozzi ta' quddiemi jimxu biex nimxi bhal haddiehor...* [10].

---

[6] Fol 311
[7] Fol 313
[8] Fol 314
[9] Fol 315
[10] Fol 317/318

Illi l-imputata mbaghad kompliet tirrakkonta li waqqfet il-karozza taghha mal-genb, harget mill-karozza u kien dak il-hin li rrealizzat ezattament x'kien gara; qabadha xokk kbir u bdiet tghajjat lin-nies biex jaghtu l-ghajnuna u biex icemplu ghall-ambulanza. L-imputata qalet ukoll li lill-vittmi ma rathomx qabel l-impatt u qalet ukoll li minn dak il-post *qatt ma tista tobsor li ha jkun hemm pedestrians jaqsmu ..... li ha johorgulek minn wara centre strip, min wara van u ssibhom ma wiccek*[11]

Illi in kontroezami l-imputat qalet li meta ddeponiet fil-kors ta'l-inkjesta[12] kienet ghada taht xokk qawwi u ma setghetx tiftakar id-dettalji kollha u kien ghalhekk li ma semmeitx il-vann. Qalet ukoll li meta saq il-vann ta' quddiemha t-triq ma kenitx clear, kemm kien hemm cans biex tibda ssuq bil-mod[13]. Mistoqsija x'kien hemm quddiema meta l-vann dar ma'l-Attard Farm Supplies qalet li ma kenitx certa jekk kienx hemm karozza ohra jew il-vann biss[14]. Aktar 'l quddiem tghid li li kien hemm *il-vann qed idur lejn l-AFS u jista' jkun kien hemm xi karozzi iktar 'l fuq imma again jigifieri weqfin, isuqu, weqfin ...*[15].

Illi ghandu jigi rilevat ab inizio li fil-fehma tal-Qorti l-verzjoni mghotija mill-imputata waqt id-depoizzjoni taghha quddiem din il-Qorti ma tantx hija verosimili u hemm hafna kontradizzjonijiet. F'hinijiet tghid li kienet qed isuq bil-hamsin kilometru fis-siegha pero f'l-istess hin tghid li kien hemm hafna traffiku tant li l-andament iddeskrivietu bhala *timxi u tieqaf* anzi *tieqaf il-hin kollu*. Mbaghad tghid li f'hin minnhom waqfet kompletament biex tistenna l-vann l-abjad idur ma'l-AFS, ma kenitx certa jekk meta daret il-vann allura hi setghet tkompli ssuq kienx hemm karozzi quddiemaha pero f'l-istess nifs tghid li aktar 'l fuq kien hemm *karozzi weqfin, isuqu, weqfin.*

Illi t-traffiku li ddeskriviet l-imputata zgur li ma jippermettiex sewqan ta' hamsin kilometru fis-siegha. Anke l-verzjoni li tat li dwar l-mumenti immedjatemnt precedenti l-incident mhux indikattivi ta' sewqan bil-hamsin kilometru fis-siegha ghaliex jekk kienet wieqfa kompletament wara l-vann l-abjad u malli bdiet isuq sabithom mal-windscreen, zgur li f'dawk il-ftit

---

[11] Fol 318 / 319
[12] Hija tat d-depozizzjoni taghha f'l-ghassa fis-6.30pm u mhux dak il-hin ta' l-incident fuq il-bankina kif donna riedet taghti l-impressjoni l-imputata.
[13] Fol 324 /325
[14] Fol 325
[15] Fol 326

sekondi ma setghetx itella velocita ta' hamsin kilomteru fis-siegha, haga li hija stess tammetti in kontroezami.

Illi l-provi kollha, kemm il-hsara fil-vettura ta'l-imputata, x'gara lil ahwa Zahra (cioe li tkaxkru ghal fuq il-quddiem tal-karozza b'mod li nfaqghet il-windscreen, komplew jitkaxkru fuq is-saqaf ghal fuq il-bagoll ta' wara) u l-konsegwenzi li garrbu zgur huma indikattivi ta' impatt qawwi hafna u li ma jistax ikun kompatibbli ma impatt ma' vettura  ghada qed taqla wara li ghamlet hin wieqfa.

Illi fil-verita huwa l-filmat esebiet li jikkontradici dak kollu li qalet l-imputata ghaliex ghalkemm l-impatt ma jidhirx, hemm migbud x'gara ftit sekondi qabel u ftit sekondi wara. Dak li jidher huwa kompletament differenti minn dak li ddeskriviet l-imputata. Fih it-traffiku jidher kompletament mexxej; anke it-traffiku li kien qed idur ma'l-AFS kien ghaddej bla waqfin.

Illi ghandu jinghad ukoll li l-imputata l-ewwel li rat lil ahwa Zahra kien meta, fi kliema, *sabithom fuq il-windscreen*; ma rathomx qabel. Ghalhekk la rat minn fejn qasmu u lanqas rat kif qasmu. Pero mid-depozizzjoni taghha jidher li hi qed timplika li huma qasmu minn mas-centre strip u mhux mill-bankina.  Imma l-ispot of impact huwa fejn fil-pjanta tal-Perit Aquilina hemm l-marka X u cioe fejn hemm l-ewwel sinjali ta' tifrik. Dan jindika li l-ahwa Zahra kienu qed jaqsmu mill-bankina u mhux minn hdejn ic-centre strip[16]. Aktar minn hekk l-ispot of impact (u l-kumplament ta' debris) qieghed kwazi f'nofs il-karreggjata li jfisser li fil-mument ta' l-impatt l-ahwa Zahra kienu diga mxew bicca mhux hazin minn fil-karreggjata. Aktar minn hekk l-ispot of impact juri ukoll li l-imputata ma kenitx qed issuq f'l-outer lane imma pjuttost fin-nofs tat-triq; dan jista jinghad ghaliex l-hsara fil-vettura kienet  fuq quddiem man-naha tal-lemin.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ma tantx tista taghti kredibilita lill-imputata.

Ikkunisdrat

Illi peremzz tal-proceduri odjerni l-imputata qed tigi addebietat:

[16] Dan jaghmel aktar sens tenut kont li huma kienu gejjin min hdejn l-iskola u cioe minn Triq Hal Warda.

- b' l-omicidju involontraju ta' Alfred Zahra u li flmkien mieghu involontarjament ikkawzat griehi gravi a dannu ta' Carmela Zahra: l-ewwel zewg imputazzjonijiet;
- li involontarjament kkawzat griehi gravissimi fuq il-persuna ta' Carmela Zahra u li kkawzat griehi involontarji lil persuna li ghalqet l-eta ta' sittin sena: it-tielet u r-raba imputazzjoni; u
- b'sewqan bla kont, traskurat u perikoluz: il-hames imputazzjoni.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel referenza ghas-sottomissjonijiet dwar punti procedurali sollevati mid-difiza.

Illi b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni gie sottomess li Alfred Zahra ma mietx fil-31 ta' Mejju 2011 imma fit-2 ta' Gunju 2011, konsegwentement din l-imputazzjoni kif impostata ma tistax tirrizulta.

Illi jibda biex jinghad li huwa minnu li Alfred Zahra miet fit-2 ta' Gunju 2011, pero huwa daqstant veru li huwa miet bhala konsegwenza tal-griehi li garrab f'l-incident li sehh fil-31 ta' Mejju 2011, fatt dan li mhux kontestat mid-difiza.

Illi in sostenn ta' dan il-punt sollevat l-abbli difensur ta'l-imputata ghamel referenza ghas-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et[17] u ghal fatt li peremzz ta' dik is-sentenza l-imputati gew liberati ghaliex kien hemm zball fic-citazzjoni fil-hin li fih sehh l-incident. Pero fil-fehma ta' din il-Qorti din is-sentenza kwotata m'ghandhiex issib applikazzjoni fil-kaz in ezami ghaliex fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda zball: l-incident sehh fil-31 ta' Mejju 2011 ghall-habta tas-2.35pm u bhala konsegwenza tal-griehi li garrab f' dan l-incident Alfred Zahra tilef hajtu. Dan kollu huwa perfettament rifless f'l-ewel imputazzjoni li a skans ta' ekwivoci ser tigi hawn riprodotta :

> *Akkuzata talli nhar il-31 ta' Mejju, 2011 ghal habta tas-2.35 ta' wara nofs inhar fi Triq l-Mdina Attard, waqt li kienet qed issuq vettura bil-mutur, tal-ghamla Peugeot 407, bin-numru ta' registrazzjoni DOR 830 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunat il-mewt ta'*

[17] Deciza minn din il-Qorti fit-23.04.2012

*Alfred Zahra mill-Msida, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 795847(M);*

Illi kif diga ntqal kien l-incident li sehh fil-31 ta'Mejju 2011 li kkawza l-mewt ta' Alfred Zahra ghalkhekk m'hemm l-ebda zball fic-citazzjoni li ghandu jwassal ghall-liberatorja ta'l-imputata fit-tigward ta' din l-imputazzjoni.

Illi sottomissjoni ohra tad-difiza tirreferi ghan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali u l-artikoli hemm kwotati u li a bazi ta' liema l-Avukat Generali qed jipprospetta li ghandha tinstab htija. L-artikoli kwotati mill-Avukat Generrali huma s-segwenti:

*225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijiet ta' Malta;*
*15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 talL-Ligijiet ta' Malta.*

Illi d-difiza qed tissottometti li la darba l-Avukat Generali kwota biss l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 u mhux l-artikolu 226 ukoll l-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni biss l-ewwel u l-hames imputazzjonijiet dedotti fic-citazzjoni. U dan ghaliex, dejjem skond id-difiza, la darba l-Avukat Generali ma semmiex l-artikolu 226 huwa kien qed jirrinunzja ghall-imputazzjonijiet naxxenti mill-allegat ksur ta' dik id-dispozizzjoni tal-Ligi.

Illi dwar in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali u l-mod kif din in-nota tiddefinixxi jew tirridimensjona l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' persuna imputata, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali esprimiet ruhha hekk:

*Meta, ...., ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art.*

*370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involu f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.*[18]

Illi ghalhekk huwa car li din il-Qorti tista' tippronunzja ruhha biss fuq dawk l-imputazzjonijiet li jirrizultaw minn-nota ta' rinviju ghal gudizju ta'l-Avukat Generali u ghandha tiskarta dawk l-imputazzjonijiet li ma jirrizultawx mill-imsemmija nota ta' rinviju ghal gudizju.

Illi l-artrikolu 225 jipprovdi hekk:

*(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

*(2) Meta min ikkommetta r-reat ikun kkaġuna l-mewt ta' iżjed minn persuna waħda jew meta flimkien mal-mewt ta' persuna jkun* ***ikkaġuna ukoll offiża fuq*** *il-persuna ta' xi persuna jew persuni oħra l-piena għandha tkun dik ta' priġunerija bejn ħames sa għaxar snin.*

Illi t-tieni imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni tghid hekk:

*U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nvolontarjament* ***ikkagunat wkoll offiza gravi per durata fuq il-persuna ta' Carmela Zahra*** *mill-Msida detentrici tal-Karta ta' l-Identita' numru 402736(M) skond kif iccertifika Dr. Alan Grago MD (Registration Number 2647) mill-Isptar Mater Dei u minn diversi tobba ohra; Artikolu 225(2) Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li din it-tieni imputazzjoni hija bazata fuq dak predispost fis-subartikolu 2 ta'l-artikolu 225; dan mhux ghax hemm referenza ghal din d-dispozizzjoni fic-citazzjoni imma ghaliex din it-tieni imputazzjoni tirriproduci kwazi testwalment dik id-dispozizzjoni.

---

[18] Ref Il-Pulizija vs Michael Carter deciza 7 ta' Jannar 2001.

Illi hija t-tielet imputazzjoni li hija bazata fuq l-artikolu 226. Hawn ukoll dan mhux qed jintqal ghaliex f'din l-imputazzjoni hemm referenza ghall-artikolu 226 imma ghaliex din l-imputazzjoni tirriproduci ukoll kwazi testwalment l-artikolu 226.

Illi ghal kull buon fini ghandu jinghad li r-raba imputazzjoni hija bazata fuq dak predispost f'l-artikolu 222A tal-Kapitolu 9. Lanqas din id-dispozizzjoni tal-Ligi m'hi imsemmija fin-nota ta' rinviju ghal gudizju ta' l-Avukat Generali.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-Qorti tista' tiehu konjizzjoni biss ta' dawk l-imputazzjonijiet li jirrizultaw min-nota ta' rinviju ghal gudizzju, hija ser tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni pero ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u r-raba imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi biex jirrizulta d-delitt ta' offiza involontarja hemm bzonn

> *li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligen-za u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*[19].

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza aktar recenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

---

[19] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

*Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali,*

*notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*.... Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.*[20]

Illi f'sentenza ohra taghha[21], il-Qorti ta'l-Appell Kriminali regghet ghamlet ezami approfondiet tad-dottrina u gurisprudenza in tema u wara li rriaffermat dak li qalet il-Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Louis Portelli[22] kompliet hekk:

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' dirett ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. ...*

---

[20] Ref Pulizija vs Richard Grech deciza 21.03.1996.
[21] Pulizija vs Saverina sive Rini Borg d eciza 31.07.1998.
[22] Op cit

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta'regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta' hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, ....*

*Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta'osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta'kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa dejjem il-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta'imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta'reati minhabba non-osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta'osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat b'l-uzu ta'attenzjoni jew prudenza fi grad ta'persuna normali.*

Illi f'din l-istess sentenza il-Qorti qalet ukoll li:

*Hu risaput li dan l-element tal-prevedibilita, fil-kaz tal-kolpuz fil-kamp penali hu, kif jesprimi ruhu l-Archbold "a reckless disregard for the safety of others' u hu propju dan li jgib in-negligenza kriminali.*

Illi ghalhekk dak li jrid jigi pruvat f'kaz ta' offiza involontarja huwa "kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b'ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju". Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami biex jissussistu l-ewwel zewg imputazzjonijiet jrid jigi pruvat kondotta volontarja u negligenti (kif hawn spjegat) ta' l-imputata u ness ta' kawzalita bejn din il-kondotta u l-offiza kagunata lill-parte leza.

Illi dwar l-obbligi u l-imgieba mistennija minn sewwieqa u pedestrians kellha okkazzjoni taghmel sintezi tal-gurisprudenza in tema l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Pulizija vs Mario Angelo Zammit[23].

*Issa, minn ezami ta' bosta sentenzi, hija evidentement distingwibbli x' ghandha tkun l-imgieba tas-sewwieq u tal-pedestrian, qua utenti tat-triq:-*

*(1) "Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq anke jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'posizzjoni li ma setax jevita l-investiment ta' pedestrian. Il-kaz li fih id-driver jista' jkun ezentat mir-responsabilita` hu dak biss fejn il-pedestrian, b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu, ikun qieghed lid-driver f'posizzjoni li, anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment" – "Il-Pulizija -vs- Dockyard PC 347 Carmel Mifsud", Appell Kriminali, 26 ta' Gunju 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII P IV p 859).*

*(2) "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-pedestrian ikun*

[23] Deciza 30.09.2009.

*qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian f'dik il-konsegwenza" – "Il-Pulizija -vs- Alfred Caruana", Appell Kriminali, 14 ta' Mejju 1955 (Kollez. Vol. XXXIX P IV p 1031).*

*(3) "Il-pedestrian ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam 'with reasonable dispatch'. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-pedestrian meta si tratta ta' uncontrolled crossing" – "Il-Pulizija -vs- Joseph Formosa", Appell Kriminali, 4 ta' April 1959 (Kollez. Vol. XLIII P IV p 1027).*

*(4) "Hu veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali; imma biex driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti ta' l-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut; u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti ta' l-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa ta' l-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi ta' l-emergenza.* ***Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita` perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali***[24] *u jirregolaw il-velocita` taghhom b'margini sufficjenti ta' sikurezza" – "Il-Pulizija -vs- George Muscat", Appell Kriminali, 6 ta' Mejju 1961 (Kollez. Vol. XLV P IV p 947).*

*Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anna Rita sive Anita Camilleri deciz fil-25 ta' Settembru 2003, intqal:*

*"Illi gie ritenut in subiecta materia illi l-pedestrian ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam, Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' reasonable care li tinhtieg.*

[24] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. (ara Appell Kriminali Il-Pulizija vs. J. Formosa, Vol. XLIII. P. IV p. 1023).*

*"F'sentenzi ohra imbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavvera ruha, e.g. 'meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat' (App. Kriminali Il-Pulizija vs. J. Thornton Vol. XLV. P. Iv p. 920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza.' (App. Kriminali Il-Pulizija vs. Cassar Desain Vol. XLVI. P.IV. p765) .*

*"Mill-banda l-ohra pero` gie ukoll ritenut li driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-sudden emergency meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera [13.12.1968]). Dan ghaliex f'kaz simili d-driver ikun qieghed isofri minn self inflicted incapacity effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.*

*"Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (App. Kriminali Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri (16.3.1961); Il-Pulizija vs. John Polidano (3.11.1963); Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud (XXXVII . p.IV. p.1131) u ohrajn) Dana ghaliex il-contributory negligence ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)."*

*Huwa dezumibbli minn dawn il-gudikati illi kemm il-pedestrian kif ukoll il-konducent ta' vettura ghandhom josservaw dejjem ir-regoli tal-prudenza u tal-bon sens fic-cirkolazzjoni stradali. Fattur determinanti iehor li jemergi minn dawn l-istess gudikati huwa dak li biex driver ta' vettura jiskansa ruhu minn addebitu ta' htija jrid juri li hu gie rinfaccjat minn sitwazzjoni inevitabbli li*

> *ssorprendietu. Dan aktar u aktar meta "fi trieqtu jinzerta nies li minhabba l-eta` taghhom jew ghal xi raguni ohra ma jkollhomx la dik ic-celerita` ta' percezzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni, u lanqas dik l-izveltezza ta' movimenti, li jehtiegu ccirkostanzi mprovvizi" – "Il-Pulizija -vs- Joseph Thornton", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu 1961 (Kollez. Vol. XLV P IV p 920).*

Illi dwar x'jobbligu jikkomporta iz-zamma ta' "proper look out" fuq is-sewwieq, huwa ben stabbilit li

> *Hu dover ta' driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout… Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[25]

Illi l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminlai rriteniet ukoll li

> *... biex nuqqas ta'proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[26]

Illi b'referenza partikolari ghal responsabbilta f'sinistri stradali gie ritenut li *accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra . Hawnhekk , ..... jaqa' fuq dik il-persuna l-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija*[27]. Dan ghaliex jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li jissejjah "res ipsa loquitur". S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabbli u mhux tenut li jipprova beyond *reasonable doubt* kif jinkombi fuq il-prosekuzzjoni. Fil-fatt gie ritenut ukoll li *jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew circumstantial evidence li joholqu*

---

[25] Pulizija vs Roderick Debattista: Appell Kriminali deciza 26 ta'Mejju 2004
[26] Pulizija vs Joseph Grech: deciza 6 ta' Gunju 2003
[27] Appell Kriminali Pulizija vs Nazzareno Farrugia Vol. XXXIII p.968.

*certi presumptions of fact kontra s-sewwieq, li f'l-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq*[28].

Illi huwa pacifiku ukoll f'l-ordinament guridiku taghna x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz:

> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*
>
> *Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*
>
> *Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*[29]

Illi naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan. F'l-istess sentenza hawn kwotata gie ritenut ukoll li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' *recklessness* li giet definita bhala *wilfully shutting one's eye*. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

Ikkunisdrat

---

[28] Ref Pulizija vs James Abela Appell Kriminal deciz 11.07.2002.
[29] Ref Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.

Illi d-difiza ta'l-imputat hija bazata fuq l-emergenza subitanea; hija qed tikkontendi li kienu l-ahwa Zahra li kienu negligenti fil-mod kif qasmu u li permezz ta' din in-negligenza holqu imprevist li ghalih ma setghet tiehu l-ebda azzjoni diversiva.

Illi pero l-imputata f'l-ebda hin ma rat lil ahwa Zahra jekk mhux meta nstabtu mal-windscreen, la rat minn fejn kienu gejjin u lanqas rat kif kienu gejjin. Hija qed tibbaza din l-asserzjoni dwar in-negligenza taghhom fuq il-premessa li huma hargu minn wara l-van l-abjad li hija tallega li kien qieghed quddiemha.

Illi kif diga fir-riassunt tal-provi prodotti l-Qorti ma tistax taghti kredibilita lill-verzjoni ta'l-imputata; fiha wisq inkosistenzi u del resto hija kontradetta minn fatti inkonfutabbli bhall-filmat u mill-provi dwar fejn kienet pozizjonata il-vettura taghha fil-mument ta'l-impatt. Fil-fehma tal-Qorti, min-naha l-ohra huwa indikattiv hafna dak li qalet l-imputata meta iddikjarat b'certu spontanjeta li *qatt ma tista tobsor li ha jkun hemm pedestrians jaqsmu* minn mas-centre strip.

Illi kif diga ntqal il-filmat juri kjarament li ma kienx hemm hafna traffiku fil-hin ta' l-incident u li dak it-traffiku li kien hemm kien mexxej. Aktar minn hekk il-provi indizzjarji juru li l-ahwa Zahra kienu diga qasmu bicca sew mill-kjarreggjata, u li l-imputata kienet qed isuq pjuttost lejn nofs it-triq aktar milli f'l-outer lane. L-imputata kienet qed isuq b'certu velocita ghaliex kieku l-impatt ma kienx ihalli l-effetti li halla, sia il-hsara fil-vettura u wisq aktar il-mod kif l-ahwa Zahra taru ghal fuq il-windscreen, ghal fuq is-saqaf mbaghad ghal fuq il-bagoll. Dan necessarjament ghandu jwassal ghall-konkluzzjoni li hija ma kenitx wieqfa wara xi vettura (li hi indikat bhala l-van l-abjad) li kienet qed tistenna biex idur ma'l-AFS u kienet ghada kif regghet bdiet issuq ghaliex zgur li l-vettura taghha ma kenitx tkun f'nofs tat-triq u zgur li ma kienx ikollha c-cans tilhaq il-velocita necessarja biex l-impatt ihalli dawk il-konsegwenzi.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-imputata, li kienet qed isuq b'certu velocita, fi triq fejn it-traffiku kien mexxej, u peress li qatt ma kienet tobsor li jista jaqsam xi hadd minn hemm, ma zammitx dik il-proper look out mehtiega. Fil-verita hija naqset li tara dak li kien in very plain view, cioe zewg persuni li kienu lahqu qasmu bicca sew mit-triq. U naqset li tarahom mhux ghax, kif tallega hi, hargu minn wara xi vettura imma ghax ma fil-konvinzjoni li hadd mhu

ser jaqsam minn hemm hija ma prestatx attenzjoni ghall-possibilita ta’ xi pedestrians. Fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata hi prezumit normalita perfetta u ma vvalutatx il-kontingenzi stradali ta’ dak il-hin. Din kienet il-kawza prossima ta’ l-incident: in-nuqqas ta’ proper look out ta’ l-imputata. U din il-kondotta volontarja negligenti ta’l-imputata (in-nuqqas ta’ proper look out) giet segwieta b’ness ta’ kawzalita minn akkadut dannuz involontarju (l-impatt li halla iz-zewg vittmi).

Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li fil-kaz in ezami lanqas jista’ wiehed jitkellem fuq xi negligenza kontributorja ta’ xi portata relevanti. Huwa minnu li l-ahwa Zahra setghu jaqsmu mill-pelican crossing li kien hemm ftit metri aktar ‘l fuq fit-triq pero, min-naha l-ohra, fil-waqt li huwa preferibbli li fejn hemm controlled crossing jintuza, pedestrians mhumiex obbligata li jaqsmu biss minn controlled crossing. Naturalment meta pedestrian jaqsam mhux minn fuq controlled crossing huwa jrid jqghod aktar attent u jezercita kawtela akbar. Fi kwalunkwe kaz la darba il-kawza prossimma ta’l-incident kienet in-nuqqas ta’ proper look out da parti ta’l-imputata, is-sehem li talvota seta’ kellhom l-ahwa Zahra f’l-incident naxxenti mill-fatt li huma ma qasmux mill-pelican crossing ghandu relevanza biss ai fini ta’ kalibrar tal-piena.

Illi fid-dawl tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel zewg imputazzjonijiet gew sodisfacjentement pruvati.

Illi peremzz tal-hames imputazzjoni l-imputat qed tigi addebietata b’ sewqan traskurat, bla kont u perikoluz. Fil-fehma tal-Qorti s-sewqan ta’l-imputata, sewqan f’nofs tat-triq aktar milli f’lane wahda u ta’ certu velocita, sewqan fil-kors ta’ liema naqset li zzomm proper look out, jaqa taht definizzjoni ta’ sewqan bl kont (sewqan bi traskuragni kbira) cioe sewqan *fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu minhabba l-probabbilita’ ta’ hsara li tista’ tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji*. Sewqan li kien indikattiv ta’ *nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali*.

Illi konsegwentement anke il-hames imputazzjoni giet pruvata in kwanti tirreferi ghal sewqa traskurat u bla kont pero mhux in kwanti tirreferi ghal sewqan perikoluz.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazjoni. Ir-resti li taghhom qed tinstab hatja l-imputata huma reat gravissimi u l-effetti taghhom kien altrettant gravi: tilfet hajtietha persuna u persuna ohra garrbet griehi tant gravi li li baqghet inkapaci intellettwalment u anke fizikament. Ghal dawn r-reati l-piena prevista hija dik ta' prigunerija bejn hames u ghaxar snin[30]. Dawn il-parametri jeskludu l-applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 kif ukoll l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 konsewgentement l-unika piena li tista taghti l-Qorti hija dik ta' prigunerija effettiva.

Illi l-imputata ghandha fedina penali netta u l-Qorti m'ghandhiex dubbju li diga qed thallas ghal dan l-incident b'l-effetti li halla fuqha psikologikament. Dawn il-fatturi, flimkien mas-sehem li seta' kellhom l-ahwa Zahra f'l-incident, jimmilitaw favur piena li tkun fil-minimu taghha. Kontrarjament ghal dak sottomess mid-difiza[31] il-Qorti ma tqies dawn il-fatturi bhala ragunijiet specjali u straordinarji li jiggustifikaw l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 jew xi eccezzjoni prevista f'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446.

Ghal dawn il-motiv l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u r-raba imputazzjonijiet, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja tal-hames imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan perikoluz mill-liema addebieta qed tigi liberata, wara li rat l-artikolu 225(1)(2) tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-impuatat hatja ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tal-hames imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal serwqan traskurat u bla kont u tikundannha hames snin prigunerjia u tiskwalifika minn kull licenzja ta-sewqan ghal perjodu ta' hames snin liema perjodu jibda jiddekorri wara li hija tkun skontat il-perjodu ta' prigunerija impost permezz ta' din is-sentenza. Inoltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputata biex thallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €2401.77 rapprezentanti aspejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

---

[30] Ref artikolu 225(2) tal-Kapitolu 9.
[31] Sottomissjonijiet li saru dwar il-piena, dato ma non concesso li hija kellha xi responsabbilta ghall-incident.